**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 10A/2025**
**11 ta' Frar 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:30p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (5.21pm sa 7.30pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

10A.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Is-Sindku infurmat li l-Viċi Sindku ser jasal tard għal din is-seduta.

Is-Sindku proponiet mozzjoni sabiex nibdew mill-Kommunikazzjoni mis-Sindku sakemm l-Accountant ikun disponibli. Il-Kunsilliera D'Amato issekondat u l-Kunsilliera approvaw.

10A.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

10A.2.1 Is-Sindku qrat il-Minuti li saret mas-Supretendent Frankie Sammut u l-Community Police nhar id-29 ta' Jannar 2025 (Annex 1).

10A.2.2 Is-Sindku qrat ir-rapport tal-VREPO Steering Committee (ESPON) li sar f'Novembru 2024 ġewwa Vilinius, fejn għaliha attenda l-President tar-Reġjun Nofsinhar flimkien mall-Kunsillier Dr Sciberras. Il-Kunsillier Dr Sciberras qara r-rapport li pprepara hu li ser jiġi mibgħut wara s-seduta (Annex 2).

10A.2.3 Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex tinħareġ il-quote għall-Cleaner għal Kunsill Lokali kif ukoll għall-Librerija. Il-Kunsill approva.

10A.2.4 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand residenti li joqgħodu fi **Triq Ineż Soler** sabiex id-dawl tal-**Belishia Lights** jibqa' mixgħul b'mod fis. Il-Kunsill qabel li nibgħatu din it-talba lill-TM għall-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet li f'każ din ma tiġix approvata, il-Kunsill japplika sabiex tiġi Pelican Lights. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

Fil-Laqgħa Nru 10, il-Kunsillier Sciberras talab il-**lista tar-responsabilitajiet mingħand TM u IM**. Is-Sindku għamlet kuntatt mac-CEO ta' TM is-Sur Michael Cohen, fejn infurmaha li l-Kunsill huwa responsabbli ġol-konfini tagħhom iżda xorta rridu nibgħatu t-talbiet tagħna lill-TM u minn naħa tagħhom japprovaw jew jirrifjutaw. Din l-informazzjoni ser tiġi mibgħuta permezz ta' email, sabiex tkun tista' tiġi mgħoddija lill-Kunsilliera.

10A.2.5 Is-Sindku infurmat li matul is-Sibt 8 ta' Frar 2025 u t-Tnejn 10 ta' Frar 2025 sar **vandaliżmu** fi Ġnien is-Serenita, bejn it-tea room u l-courtyard. Il-Kunsill għamel rapport lill-pulizija.

10A.2.6 Is-Sindku qrat talba li l-Kunsill rċieva minngħand id-**Drama Unit** tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, biex jużaw Ġnien is-Serenita sabiex itellgħu play, The Nightingale (leġġenda ċiniża) għall-istudenti li jattendu fl-iskejjel tal-gvern matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2025 mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva.

10A.2.7 Is-Sindku qrat korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand **Malta Employee Sport Association** sabiex tiġi organizzata 5K Run flimkien mal-Kunsill Lokali Santa Luċija nhar it-12 ta' Marzu 2025 ġewwa Santa Luċija. Il-Kunsill kien ġa bagħat sabiex naraw x'tip ta' involviment jixtiequ mingħand il-Kunsill. Is-Sindku infurmat li meta jibgħatulna x'inhi t-talba tagħhom, ser tiġi mibgħuta email lill-Kunsilliera.

Il-Viċi Sindku ingħaqad għas-seduta, u l-Accountant Daniel Galea ingħaqad online.

### 10A.3 Quaterly Report Q4 2024 (Jannar – Diċembru 2024)

L-Accountant spjega li l-Kunsill għalaq s-sena 2024 b'working capital ta' -€23,468.00 u spiċċa b'surplus ta' €13,625.00.

Is-Sindku infurmat li biex il-Kunsill jimxi 'l quddiem irid jinvesti għalhekk il-Kunsill qed japplika għall-iskemi. Il-Kunsill approva l-Q4 b'mod unanimu. Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba lill-Gvern Lokali għal żieda fl-allokazzjoni b'€25,000.00 sabiex ninvestu iżjed fil-lokal.

### 10A.4 Unaudited Financial Statements 2024

L-Accountant ta' spjega tal-Unaudited Financial Statements 2024. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Dr Sciberras talab lill-Accountant sabiex tiġi provduta mis-SAGE t-transaction history, il-creditors u debtors list ta' kollox minn kemm ilhu l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u kopja tal-invoices. L-Accountant informa li jista jagħti data mis-sena 2007 minħabba l-bidla għall-ewro.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera bl-aħħar updates rigward is-sitwazzjoni tal-Wasteserv, fejn hi u s-SE iltaqgħu mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sa Caroline Silvio għall-aktar informazzjoni. Nhar l-4 ta' Frar 2025 il-Kunsill iltaqgħa mal-Avukata Dr Vincienne Vella sabiex tiġi ppreparata ittra lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq sabiex huma jagħtu l-approvazzjoni tagħhom lill-Wasteserv biex il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija tingħata d-data tagħhom rigward il-weight li ġie miġbur f'dak il-perjodu.

Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni biex l-Quaterly Reports, l-Financial Statements, eċċ jiġu mibgħuta

aktar qabel.

10A.2 Kontinwazzjoni tal-Komunikazzjoni mis-Sindku

10A.2.8 Is-Sindku qrat il-kummenti li ġew mgħoddija mill-Kunsillier Dr Sciberras u Debattista dwar l-**attivita' kulturali** (Annex A). Il-Kunsillier Dr Sciberras talab li jinħareġ program għalinqas kull 3 xhur. Is-Sindku infurmat li minħabba l-ħinijiet tax-xogħol tagħha ma tkunx tista toħroġ programm ta' attivitajiet u issuġeriet lill-kunsilliera li min jixtieq jista jorganizza wkoll. Is-Sindku infurmat li l-attivitajiet li torganizza jkunu wara talba mir-residenti stess. Infurmat ukoll li kemm hi u l-impjegati li jkunu preżenti jħallsu wkoll. Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet li l-ħarġa tiġi addata skond ix-xahar.

10A.2.9 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva invoice tar-**rejects mir-Reġjun Nofsinhar** ta' skart li mhux separat kif suppost. Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet li anke bl-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar jiġu mqassma leaflets ta' kif tissepara, kif ukoll tal-skeda. Is-Sindku issuġeriet ukoll li jsiru tabelli tal-skart bl-skeda l-ġdida quddiem fl-ispażji provduti madwar il-lokalita fejn jiġi mormi l-skart. Il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li ssir kampanja mal-Active Ageing, għalhekk il-Kunsillier Dr Sciberras isuġerriexa li ssir online meeting mas-Supervisor tal-Active Ageing biex tkun tista ssir din il-kampanja.

10A.2.10 Is-Sindku qrat il-kummenti li ġew mgħoddija mill-Kunsilliera Debattista rigward ir-**railing** (Annex B) li qed isir madwar il-bandli ta' Triq Ineż Soler, peress skond il-Kunsilliera Debattista x-xogħol ma sarx kif suppost, tkisser il-ġebel biex jitwaħħal il-fencing fuqu u t-tip ta' ħadid li ntuża mhux adattat għat-tfal. Is-Sindku infurmat li għamlet talba mal-kuntrattur sabiex jiltaqgħu u ħeġġet lill-kunsilliera biex jattendu.

10A.2.11 Is-Sindku infurmat li nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Frar 2025 ser tinħareġ t-tender għall-**Smart Playground u tibdil tal-bandli preżenti** fi Triq Ineż soler, li ser isiru minn żewġ skemi differenti.

10A.2.12 Is-Sindku infurmat li wara li għaddiet ir-rapport li għamel il-Kunsillier Dr Sciberras dwar l-pipe tal-irrigation li kien jinsab maqrus u l'barra ta' **Ġnien is-Simbjożi**, dan ġie rranġat minn Ambjent Malta. Fl-istess waqt il-Kunsillier staqsa sabiex jiġi ttrimjat il-ħaxix li tela' u s-Sindku infurmatu li l-Kunsill għadda r-rapport u l-kuntrattur li qed jieħu ħsiebu matul dawn l-5 snin huwa GARDANIA.

10A.2.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera, li għal dawn it-3 snin li ġejjin, Infrastructure Malta ser tieħu ħsieb l-Maintenance u l-hedging tal-**Promenade**.

Il-kunsillier Dr Sciberras ġibed l-attenzjoni sabiex jiġi mgħoddi lilu kopja tal-kuntratti, bid-dettalji tal-kuntrattur inkluż l-email u s-site plans li l-kuntrattur huwa responsabbli minnhu. Is-Sindku suġġeriet li l-Kunsilliera għandhom ikollhom aċċess għal dawn id-dokumenti permezz tal-**one drive**.

10A.2.14 Is-Sindku qrat korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand l-AKL dwar **l-Polza tal-assigurazzjoni tal-flus** f'każ ta' serq bi prezz ta' €65 fis-sena. Il-Kunsill approva.

10A.2.15 Is-Sindku qrat il-kummenti li ġew mgħoddija mill-Kunsilliera Debattista minħabba r-raġġi li jiġu trasmessi mis-solar CCTV camera li tinsab fi Triq Maria De Domenicis (Annex C). Is-Sindku infurmat li dawn ir-raġġi huma bħal tal-mobile. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex is-**solar CCTV Camera** tiċċaqlaq fil-bidu tal-jogging track fi Vjal Oleandri fuq il-bin minħabba l-iskart li qed jiġi mormi illegalment. Il-Kunsill approva.

Il-Viċi Sindku semma li f'Dawret it-Torri ħdejn il-ħwienet qed ikun hemm diversi **boroż suwed**. Is-Sindku infurmat li l-kuntrattur tal-knis infurmatha li l-bins u l-boroż suwed ħafna minnhom ikunu bl-iskart tal-ħwienet. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li tiġi mibgħuta ittra lis-sidien tal-ħwienet sabiex l-iskart ma jinħariġx barra u ma jiġix mormi fil-bins. Il-Kunsillier Dr Sciberras issuġeriexxa li fil-ħin li jibdew jagħlqu l-ħwienet jiġu mibgħuta l-Community Police jew LESA. Il-Kunsillier Dr Sciberras qabel mal-Viċi Sindku fejn issuġerixxa li tiġi organizzata laqgħa mas-sidien tal-ħwienet sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

10A.2.16 Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand resident minħabba li c-charging bays li jinsabu **Triq Mable Strickland** huma inqas mill-policy ta' TM. Il-Kunsillier Dr Sciberras talab li nitolbu għall-istatistika ta' kemm jintużaw dawn iż-żewġ charging points kif ukoll ta' kemm hawn karozzi elettroniċi reġistrati f'Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li din il-korrispondenza ser nerġgħu nitkellmu fuqha meta jkollna l-istatistika minħabba li m'hemmx biżżejjed parkeġġ f'din it-triq.

10A.2.17 Is-Sindku qrat l-Agreement li l-Kunsill irċieva mingħand ċ-**Chinese Community Malta** fejn talbu li jkollhom kamra minn Ġnien is-Serenita għall-użu eskluzziv tagħhom għal tul ta' żmien. Il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta (Annex 3).

10A.2.18 Is-Sindku qrat talba li l-Kunsill irċieva mingħand is-**Santa Luċija Boċċi Club.** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera D'Amato tispjega t-talba tagħhom fejn infurmat li Santa Luċija Boċċi Club jixtiequ jerġgħu jagħmlu lezzjoni tal-Boċċi lill-pubbliku u talbu lill-Kunsill iħallas il-flokkijiet li ser jingħataw lil kull parteċipant li fuqhom ser ikun hemm il-logo tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat li ser tiġi mibgħuta email għal aktar dettalji u r-risposta ser tiġi mgħoddija lill-kunsilliera.

10A.2.19 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li għall-iskema **Vjal Kulħadd**, il-proġett ta' Pjazza tal-Ġilju ma ġiex approvat, iżda xorta ser issir minn Infrastructure Malta. Il-Kunsilliera Debattista staqsiet għar-raġuni l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aċċettata. Is-Sindku infurmat li informalment IM informawha li mhux ħa jsir ħabba l-heritage li hemm, u ser nibgħatu lill-IM sabiex issir il-laqgħa (Annex 4).

10A.2.20 Is-Sindku uriet ir-ritratt tal-**lanterns** li l-Kunsill irċieva mingħand ic-Chinese Culture. Il-Kunsill qabel li jsiru fil-courtyard ta' Ġnien iċ-Ċiniżi u jinbidlu l-lanterns li hemm mqattgħin fl-entrata tal-istess ġnien. Is-Sindku infurmat li ser nitolbu għall-kwotazzjonijiet għat-twaħħil.

10A.2.21 Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li għaliha attendit mal-**President tal-AKL u r-Reġjun Nofsinhar**. (Annex 5)

10A.2.22 Is-Sindku infurmat li t-tender tal-**Embellishment tal-Public Convenience ta' Dawret it-Torri ġiet** evalwata u l-bord tal-evalwazzjoni approva lill-kuntrattur Dennis Scicluna. Il-Kunsill approva.

10A.2.23 Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista dwar il-**weraq** li qed jaqa' ġol-promenade (Annex D). Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet sabiex jgħola ċ-ċint eżistenti n-naħa tal-hedges anke ħabba l-irrigation u l-ħamrija. Is-Sindku ser tagħmel talba lill-IM u f'każ li ma jaċċettawx, napplikaw mal-Public Works.

10A.2.24 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġab 3 stimi għall-**Pest Control** għall-librerija, l-Kunsill u l-VSA. Il-Kunsill approva li nimxu mal-irħas offerta.

10A.2.25 Il-Kunsilliera Debattista infurmat li rċiviet talba mingħand l-impjegata tal-librerija li kien hemm resident interessat jagħmel reading club flimkien ma residenti oħra kull nhar ta' Sibt mill-bidu ta' Jannar 2025. Is-Sindku infurmat sabiex tgħaddilna d-dettalji ħalli jinħareġ poster.

10A.2.26 Is-Sindku qrat ilment li l-Kunsill irċieva mingħand resident sabiex isir culvert fi **Triq Bruka** ħabba l-qlib tal-ilma wara l-proġett li sar fis-2019. Il-Kunsillier Dr Sciberras informa li minn naħa tiegħu għamel kuntatt mal-Ombudsman, u qara t-tweġiba mibgħuta mill-Ombudsman (Annex 6). Is-Sindku infurmat li ser nibgħatu lill-Public Works u IM.

10A.2.27 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera għan-No Objection sabiex issir road resurfacing fi **Triq Lampat**. Il-Kunsill approva.

10A.2.28 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba minn student tal-MCAST għall-**community work** fi Ġnien is-Serenita. Il-Kunsill approva.

10A.2.29 Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista dwar **velenu** mitfugħ f'għalqa privata fi Triq il-Ġibjun (Annex E). Is-Sindku infurmat li l-velenu ma ġiex mitfugħ mid-dipartiment tas-Sanita, kif ukoll ikkonfermat li l-kunsill QATT ma jitfa velenu.

10A.2.30 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret mar-residenti dwar iċ-**Ċentru Ċiviku** ser tibgħat il-ġranet li tista sabiex issir laqgħa informali. Id-deċiżjoni finali ser tiġi meħuda waqt seduta.

10A.2.31 Is-Sindku infurmat li impjegata tal-Kunsill interessata tapplika għall-kors fil-**Qari tal-Provi bil-Malti**. Il-Kunsill approva li jħallas l-kors u jsir kuntratt mal-impjegata.

10A.2.32 Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand **Project Green** u ser tiġi mgħoddija lill-kunsilliera u ser tiġi diskussa via email.

10A.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

10A.5.1 **Il-Kunsillier Dr Sciberras** staqsa għall-lista ta' toroq li saru (Annex 7) u li ser isiru minn IM (Minuti nru. 10) u t-tweġiba ser tiġi mibgħuta wara s-seduta.

10A.5.2 **Il-Kunsillier Dr Sciberras** talab għall-kopja/aċċess tal-invoices li l-Kunsill jirċievi. Is-SE infurmat li ser tiċekja jekk jistgħux isiru kopji tagħhom peress li d-dokument oriġinali ma jistax jinħareġ mill-bini tal-kunsill.

10A.5.3 **Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet meta ħa jsir ix-xogħol fi Blokk 12, Triq Ġardenja. Is-Sindku nfurmat li wara li jitlesta x-xogħol fi Vjal Oleandri, ser jinbeda x-xogħol minn Blokk 1 sas 7 ta' Triq il-Ġnien u ser niċċekjaw eżatt x'tip ta' xogħol ser isir. Rigward il-blokok l-oħra ser insaqsu lill-HA meta huma proġettati li jsiru.

10A.5.4 **Il-Kunsilliera D'Amato** talbet li ssir sleeping police jew junction box f'Dawret it-Torri, int u dieħel għal ATM. Is-Sindku infurmat li ser napplikaw għall-Junction Box.

10A.5.5 **Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet kif bqajna mal-ERA sabiex jitnaqqas l'għoli tas-siġra taċ-ċipressa li tinsab fi Triq iċ-Ċinerarja. Is-Sindku infurmat li għadha għaddeja l-kommunikazzjoni mal-ERA.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu mill-laqgħa.

10A.5.6 **Il-Kunsilliera Debattista** infurmat li f'waħda mill-ewwel seduti kien hemm qbil biex qabel ir-residenti jingħataw multa, dawn jiġu mitkellma. Il-Kunsilliera Debattista irreferit għall-każ fejn resident ingħata taħrika għax kellu skip bla permess. Is-Sindku infurmat li ma kellix informazzjoni ta' min hi l-iskip għax staqsiet lil xi residenti ta' Triq Ġibjun infurmawha li mhux tagħhom. Il-Kunsilliera D'Amato wieġbet li dik l-skip kienet ilha hemmhekk xhur, u fis-Seduta nru 8 kien hemm mistoqsija dwarha. Il-Kunsillier Dr Sciberras issuġġerixxa li fejn ikollna informazzjoni, għal kull każ, ir-residenti jiġu mitkellma qabel ma jingħataw taħrika.

10A.5.7 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet jekk il-Kunsill bagħatx l-oġġezzjoni tiegħu għall-krematorju. Is-Sindku wieġbet li f'dan l-istadju l-Kunsill qed jingħaqad mal-Kunsill ta' Raħal Ġdid, peress li bħalissa l-applikazzjoni tal-Krematorju hije pre planning u l-kunsill ma bagħatx l-oġġezzjoni tiegħu. Meta tidħol l-applikazzjoni mal-Planning Authority l-Kunsill ser jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li bdew jnaddfu fejn ser jiġi l-krematorju. Is-Sindku ser tinforma lill-Kunsill ta' Raħal Ġdid dwar dan.

10A.5.8 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet r-raġuni għalfejn ma sarx aċċess permezz ta' rampi quddiem 2 gates fi Triq il-Ġibjun. Is-Sindku wieġbet li tkellmet mal-perit u infurmaha li r-rampi ma sarux għax hemm il-ġebel u tidher li ma tintużax u li l-unika rampa li saret għax kien hemm ġa rampa qabel inbeda x-xogħol. Is-Sindku staqsiet jekk dawn iż-żewġ gates għandhomx il-permessi neċessarji kif ukoll li ser terġa titkellem mal-perit.

10A.5.9 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet għal way forward rigward il-ġbir ta' boroz suwed tal-kuntrattur tal-knis għaliex ġili jagħmlu iżjed minn ġimgħa hemm. Is-Sindku wieġbet li dan is-suġġett ser jiġi diskuss fis-seduta li jmiss sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk isirx MoU mall-Cleansing Department jew tinħareġ tender.

10A.5.10 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet fhix waslet l-applikazzjoni dwar ir-restawr tat-Telephone Box. Is-Sindku wieġbet li ser iġib l-permess tal-perit sabiex jiġi mqabbad perit ieħor.

10A.5.11 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet għalfejn il-party tal-Milied sar f'post ieħor u mhux kif kien pjanat li jsir fil-gazebo. Is-Sindku wieġbet li minħabba l-maltemp ma setgħax isir hemm. Il-Kunsill ingħata l-fondi mid-DLG sabiex isir raised flooring u għalhekk ikun jista jintuża matul is-sena kollha.

10A.5.12 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet meta ser tiġi miżbugħa ħadra l-parti li ġiet maqlugħa tal-Promenade. Is-Sindku wieġbet li ser nibgħatu nerġgħu lill-IM.

10A.5.13 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet x'ser isir meta ssir mill-ġdid il-bankina ta' Triq il-Kaħwiela. Is-Sindku wieġbet li meta ssir il-bankina, nagħmlu l-mobile CCTV camera.

B'mod unanimu, l-Kunsill ma qabilx li titkompla s-seduta peress li qabżu t-tlett siegħat.

### 10A.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Ħamis 27 tax-xahar ta' Frar 2025 fil-5.30pm.

Konfermati, illum ___________________________________.

_____________________________ _____________________________

Charmaine St John
Sindku

Bernice Darmanin
Segretarju Eżekuttiv